MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1532/2004

**Vincent Cuschieri Limited (C 4162)**

**Vs**

**Continental Meat Company Limited (C 9515) u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Dicembru, 2004 giet imsejha fil-kawza s-socjeta' Five Effs Import Company Limited (C 20485)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, tlett mija u tlieta u disghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1,393.74c) dovuta lill-istess socjeta' attrici rapprezentanti bejgh ta' merkanzija lis-socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' Ittra Interpellatorja tal-15

t'Ottubru, 2003 u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura relattiva kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta ta' Continental Meat Company Limited li biha wiegbet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz m'huwiex dovut.

Ra r-Rikors tas-socjeta' attrici tas-7 ta' Dicembru, 2004 li biha talbet li tigi msejha fil-kawza l-kumpanija Five Effs Import Company Limited u d-digriet ta' dan it-Tribunal tad-9 ta' Dicembru, 2004 li bih giet imsejha fil-kawza l-istess socjeta'.

Ra r-Risposta tal-kumpanija msejha fil-kawza Five Effs Import Company Limited li biha wiegbet li s-socjeta' attrici ghandha qabel xejn iggib prova ta' l-ammont minnha pretiz. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema' x-xhieda ta' John Cuschieri u ta' Ronald Galea.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti u partikolarment mix-xhieda ta' Ronald Galea jirrizulta illi l-bejgh in kwistjoni effettivament sar mis-socjeta' attrici lill-kumpanija Five Effs Import Company Limited u konsegwentement it-talba attrici fil-konfront ta' Continental Meat Company Limited qeghda tigi michuda.

Fir-rigward tal-kumpanija Five Effs Import Company Limited jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-ammont mitlub huwa verament dovut. Dan huwa anki ammess minn Ronald Galea. Huwa jsostni li minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta' mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm241.80c) li l-partijiet

kienu ftehmu li ghandhom jigu pacuti kontra l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici u li ghalhekk l-ammont bilancjali ghandu jkun ta' elf, mija u wiehed u hamsin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm1,151.94c). It-Tribunal jidhirlu li dan jirrizulta sodisfacentement ippruvat kemm mix-xhieda mhux kontradetta ta' Ronald Galea u kif ukoll mid-dokumenti esebiti.

Jirrizulta wkoll illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim fis-sens illi l-kumpanija Continental Meat Company Limited taghti servizz ta' *storage facility* ghal beneficcju tas-socjeta' attrici u li l-ammont dovut minn Five Effs Import Company Limited ma jithallasx izda jigi pacut bl-ammont dovut minn Vincent Cuschieri Limited u dan stante illi hemm konnessjoni ekonomika bejn il-Continental Meat u l-Five Effs.

Gara illi wasal zmien meta qam dizgwit bejn il-partijiet dwar l-ammont korrettament dovut lill-Continental Meat Company Limited u dwar dan hemm proceduri ohrajn quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi jkun gust u xieraq illi ghalkemm dak dovut mertu tal-kawza fl-ammont ridott kif fuq inghad jirrizulta sodisfacentement ippruvat, b'sens ta' ekwita', jidhirlu li din is-sentenza m'ghandhiex tigi ezegwibbli qabel ma jkun hemm ezitu finali fil-kawza bejn Continental Meat Company Limited u Vincent Cuschieri Limited, ghalkemm ma jkun hemm xejn hazin li s-socjeta' konvenuta minn jeddha thallas l-ammont hawn taht imsemmi. It-Tribunal jidhirlu li ghandu s-setgha li jittempra l-modalita' ta' ezekuzzjoni ta' sentenza meta c-cirkostanzi hekk jiddettaw (vide **Citazz 1263/03GCD Consiglio D'Amato Vs Invicta Limited ta' l-10 ta' Lulju, 2006**).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera mill-osservanza tal-gudizzju s-socjeta' Continental Meat Company Limited, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' Five Effs Import Company Limited limitatament ghas-somma ta' elf, mija u wiehed u hamsin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm1,151.94c) bl-ispejjez kontra taghha u bl-interessi li jibdew jiddekorru

mis-6 ta’ Lulju, 2005 (data li fiha jirrizulta li din is-socjeta’ giet notifikata bl-Avviz odjern) sad-data tal- pagament effettiv, b’dan illi din is-sentenza ma tigix ezegwibbli qabel ma jkun hemm ezitu finali fil-kawza msemmija minn Ronald Galea waqt ix-xhieda tieghu, cjoe’ dik fl-ismijiet Continental Meat Company Limited Vs Vincent Cuschieri Limited.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------